

Konvenuti: L-Ombudsman Ewropew (rappreżentanti: L. Papadias, P. Dyrberg u A. Antoniadis, aġenti, assistiti minn A. Duron, avukat)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni ta' ħatra tas-Sinjura G fil-pożizzjoni ta' Segretarju Ġenerali fl-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew, tad-deċiżjoni tal-Ombudsman tad-9 ta' Novembru 2015 li tiċċad ilmenti mressqa mir-rikorrent kontra l-imsemmija deċiżjoni kif ukoll tad-deċiżjoni tal-Ombudsman li ma jistiednux għal intervista, u, min-naħa l-oħra, il-kumpens għad-danni li r-rikorrent allegatament ġarrab b'konsegwenza ta' dawn id-deċiżjonijiet.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Costas Popotas u l-Ombudsman Ewropew huma kkundannati jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom infushom.*

⁽¹⁾ ĠU C 191, 30.5.2016 (kawża inizjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea taħt in-numru F-10/16, u ttrasferita lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Marzu 2018 – Agricola J.M. vs EUIPO – Miguel Torres (CLOS DE LA TORRE)

(Kawża T-806/16) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali CLOS DE LA TORRE — Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti TORRES — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Probabbiltà ta' konfużjoni”)

(2018/C 166/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Agricola J.M., SL (Gerona, Spanja) (rappreżentant: J. Clos Creus, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Miguel Torres, SA (Vilafranca del Penedès, Spanja) (rappreżentant: J. Güell Serra, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-28 ta' Lulju 2016 (Każ R 2099/2015-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Miguel Torres u Agricola J.M.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Agricola J.M., SL hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 14, 16.1.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Marzu 2018 – Domestic Sweden vs EUIPO (MOBILE LIVING MADE EASY)

(Kawża T-235/17) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea MOBILE LIVING MADE EASY — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 94 tar-Regolament 2017/1001)”)

(2018/C 166/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Domestic Sweden (Solna, l-Isvezja) (rappreżentanti: R. Furneaux u E. Humphreys, solicitors)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Sakalaite-Orlovskiene u J. Ivanauskas, aġenti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-13 ta' Frar 2017 (Każ R 1832/2016-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali MOBILE LIVING MADE EASY bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Dometic Sweden AB hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 195, 19.6.2017.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2018 – Pio De Bragança vs EUIPO – Ordem de São Miguel da Ala (QUIS UT DEUS)

(Kawża T-229/16) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' revoka — Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea QUIS UT DEUS — Assenza ta' applikazzjoni għat-tiġdid tar-reġistrazzjoni tat-trade mark — Tħassir tat-trade mark mal-iskadenza tar-reġistrazzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2018/C 166/38)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrenti: Duarte Pio De Bragança (Sintra, il-Portugall) (rappreżentant: J. Sardinha, avukat)